- *INCIDENT INDUSTRIJALI –*

**- AMBJENT LI JASSIGURA S-SAHHA TAL-HADDIEM -**

**- ATT. NUMRU. VII ta' l-1999; ART.2 (2) -**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 27 ta' Frar, 2002**

**Kawza Numru: 21**
**Citazzjoni Numru: 2228/2000/RCP**

**Carmel Baldacchino**

**vs**

**Freeport Terminal (Malta) p.l.c.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-13 ta' Lulju 1999 waqt li l-attur kien qed jahdem b'inkarigu tal-konvenuti nomine bit-Tugmaster Numru 200,

proprjeta' tal-konvenuti nomine safa korrut f'subajh ta' idu x-xellugija meta dan inqabad gol-*airconditioner* tal-istess Tugmaster li ma kienx kopert b' *guar*' u sofra danni (Dok. A).

Illi dan l-incident gara minhabba t-tort u jew negligenza u / jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-konvenuti *nomine* kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi d-danni sofferti mill-attur huma *dannum emergens* u jammontaw ghal elf disa' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,982.28) kif jirrizulta mill-anessi dokumenti markati “B” u “C”.

Illi l-konvenuti nomine gew interpellati biex ihallsu dawn id-danni sofferti mill-attur izda baqghu inadempjenti.

Illi l-attur ghalhekk talab lill-konvenuti nomine jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti nomine huma responsabbli ghal incident li fih safa korrut l-attur fit-13 ta' Lulju 1999.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba dan il-korriment fis-somma ta' elf disa' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,982.28) skond Dok. “B” u “C”.

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-attur is-somma ta' elf disa' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,982.28).

Bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Mejju 2000 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tat-23 ta' Lulju 2000 u tal-31 ta' Lulju 2000 u tal-ittra ufficcjali tat-I8 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi s-socjeta' konvenuta mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni u / jew ghad-danni konsegwenzjali.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni pretizi huma esagerati.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta a fol. 12 *et seq* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Dicembru 2000; tal-15 ta' Dicembru u tat-12 ta' Jannar 2001;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Frar 2001 fejn xehed l-attur Carmel Baldacchino. Dr. Abela ddikjara li m'ghandux provi aktar hlief jekk jigu kkontesti d-danni; tat-13 ta' Gunju 2001 fejn xehed Carmel Baldacchino; tat-13 ta' Novembru 2001 fejn xehdu Ivan Curmi u Carmel Baldacchino. Id-difensuri ssuggerew li l-Qorti taghmel access biex jigi ndikat *airconditioner* simili jew kwazi simili. Il-Qorti laqghet it-talba a spejjez attrici. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar; u tal-15 ta' Jannar 2002 fejn id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar, 2002.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET**

### **(A). RESPONSABBILTA' TAL-INCIDENT**

Illi l-attur jallega li waqt li huwa kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta' konvenuta bit-*Tugmaster* Numru 200 – proprjeta' taghha, meta safa' korrut f'subajh ta' idu x-

xellugija meta dan inqabad gol-*airconditioner* tal-istess *Tugmaster* li allegatament ma kienx kopert b' *guard* u sofra danni, u ghalhekk qed jitlob il-hlas ta' danni ghall-istess incident minghand is-socjeta' konvenuta.

Illi fl-affidavit tieghu xehed li fit-13 ta' Lulju 1999 dahal xoghol fil-Freeport ghax-xift mill-erbgha ta' wara nofsinhar sa nofs il-lejl bhala *driver tat-Tugmaster* u messu jiehu it-*Tugmaster* Numru 200. Dan ix-xoghol jikkonsisti billi jghabbu u jhottu l-'containers' fuq it-*Tugmaster* mill-vapur ghall-*istack* jew *vice versa*. Ghall-habta tas-sitta nieqes ghoxrin minuta (5.40.p.m.) mar biex jghabbi *container* mill-*istack*. Huwa dawwar is-*seat* biex ikun wiccu lura u qaghad jistenna sakemm il-*crane* jghabbi l-*container*. Sakemm kien qed jistenna gholla jdejh 'il fuq u parti minn idejh ix-xellugija dahlet fit-toqba minn fejn johrog ir-rih ta' l-*airconditioning* li kien fuq rasu. Hu qal li b'konsegwenza t'hekk subajh tan-nofs u tac-curkett ta' idu x-xellugija gew milqutin mill-*fan* li hemm fl-*airconditioning*. B'hekk hu twassal sal-*polyclinic* ta' Rahal Gdid. Minhabba l-*injury* li sofra kellu jibqa' barra mix-xoghol ghal 25 gurnata u b'hekk tilef il-flus.

In kontro-ezami qal li hu jahdem *by roster* u s-soltu jiehu parti paga *fixed* mill-Freeport u jibqa' jiehu l-flus tal-*Port Work Scheme*. Skond hu meta tkun *sick* ma tibqax tithallas mill-*Port Work Scheme* daqs kemm meta tkun qed tahdem. Huwa kkonferma li parti mid-dover tieghu huwa li jirrapporta jekk ikun hemm xi haga li mhux f'postha fit-trakk.

Huwa spjega li skond kif jidher mir-ritratti esebiti l-*airconditioner* ghandu 4 toqbiet. Fil-kaz in kwistjoni tnejn minnhom kienu minghajr *guard*. Huwa spjega li kif dawwar is-*seat* biex jistenna li jghabbi l-*container*, gholla jdejh biex jistreccja. Kien ilu xi siegha u nofs fit-trakk. Ix-xhud qal li huwa ma ndunax li ma kellhomx *guard*. Huwa qal li jahdem bis-sistema tal-hmistax fuq trakk u gimgha fil-Port il-Kbir.

Illi dwar *lashing* spjega li r-roster iddum ma ddur minhabba li hemm hafna nies. Fil-perjodu li wegga' suppost kien messu pero' tilef it-*turn* tieghu. Huwa qal li minhabba n-natura tax-xoghol irid jilbes l-ingwanti imma hu ma setax meta wegga'. Illi pero' kif it-tabib qallu li seta' jidhol ghax-xoghol qabad u dahal. Fil-fatt l-attur xehed li hu jirrapporta lil *Port Worker Scheme* u c-certifikati tahom lilhom. Inoltre xehed li huwa thallas xi flus mill-*insurance* (madwar Lm800) f'dan il-perjodu. Pero' kieku kien qed jahdem kien jaqla' Lm1,500. Ma' dawn iridu jizdiedu tal-*lashing.*

Illi sussegwentement l-attur ikkonferma r-ritratti mmarkati Dok. "CB1", "CB2" u "CB3" esebiti mill-avukat difensur tieghu. Huwa qal li hadhom huwa personalment gurnata wara l-incident. Hadhom minn fuq is-*seat* tat-trakk u spjega li kif iddawwar is-*seat* tigi taht l-*airconditioning* ezatt. Ukoll huwa jissettja s-*seat* iebes u dan ifisser li titla' aktar 'il fuq. Bejn it-toqba u l-fann hemm zewg pulzieri 'l gewwa mit-toqba.

Illi xehed ukoll **Ivan Curmi**, *Maintenance & Rapairs Manager* fid-Dipartiment tal-*Engineering tal-Freeport Terminal*. L-ewwelnett sostna li sar jaf bil-kaz f'Gunju 2001. Spjega li t-trakk partikolari bhal ma kien fl-incident in kwistjoni m'ghadux prezenti hawn Malta. B'hekk kellu jiehu xi dettalji minn trakkijiet ohrajn li bejn wiehed u iehor ghandhom gabina simili hlief ghal xi dettalji zghar. Dwar l-*airconditioner* beda jispjega kif jahdem u li bazikament ikollu erbgha (4) ventijiet li normalment ikunu fuq il-*units*. Skond hu l-*fan* ikun madwar erbgha pulzieri u nofs / hames pulzieri 'l fuq minn dan il-vent. Illi meta jkun hemm dan il-vent id persuna ma tistax tidhol go fih. Jekk m'hemmx id tista' tilhaq il-fann b'naqra loghob u diffikolta'. Huwa qal li hu pprova jdahhal idejh u beda jimmanuvra jdejh biex idahhalha u rnexxielu jaghmel hekk f'wahda minn erba' toqbiet ghax fit-tlieta l-ohra ma kellux access. Fuq domanda jekk hux possibbli li bniedem li jitmattar jistax imiss dan il-fann huwa rrisponda li *"seta' jekk it-trakk innifsu kellu s-seat li jdur …… tkun harira aktar facli milli ppruvajt jien dalghodu".* Illi huwa pprova fuq trakk li s-*seat* tieghu ma jdurx. Huwa xehed pero' illi bhala fatt ma jistax ighid jekk kienx hemm ventilatur jew le.

Illi n kontro-ezami qal li huwa ma jaqbilx li meta tnehhi l-'ventilatur' tigi toqba shiha li tista' ddahhal idejk. Dan ghaliex hemm ostakli ftit 'il boghod minnha minhabba s-saqaf. Mir-ritratti esebiti mill-attur huwa xehed li ma kienx jidher li kien hemm ventilatur u jidher li f'zewg toqbiet ma kienx hemm ostakolu biex iddahhal idejk.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li meta sar l-incident l-attur kien qieghed waqt il-kors normali tax-xoghol tieghu. Huwa kkonferma li hu minnu li hu fid-dover tal-haddiem li meta jibda x-xoghol tieghu fuq trakk huwa jirrapporta jekk isib xi haga mhux f'postha. Fil-kaz odjern, l-istess attur xehed li huwa ma kienx induna li ma kienx hemm kollox f'postu. Illi rrizulta wkoll kemm mix-xhieda tal-istess attur kif ukoll mir-ritratti esebiti mill-attur innifsu (immarkati Dok CB1, CB2 u CB3) li tnejn mill-erba' toqbiet tal-*airconditioning* fit-trakk numru 200 kienu minghajr *guard* u kwindi facilment id tghaddi minnhom u tolqot il-*fan*. Dan kien aktar possibbli stante li s-*seat* tat-trakk in kwistjoni kien idur. B'hekk meta l-attur gholla jdejh biex jistreccja subghajh tan-nofs u tac-curkett ta' idu x-xellugija gew milqutin mill-*fan* tal-istess *ariconditioning*. Ix-xhud Ivan Curmi, prodott mis-socjeta' konvenuta, bl-ebda mod ma pprova l-kuntrarju. Inoltre huwa ma kienx jaf bhala fatt jekk l-*airconditioning* in kwistjoni kellux ventilatur jew le. Seta' biss jixhed fuq trakk simili.

Illi in effetti fl-access li sar minn din il-Qorti fuq il-post tal-incident rat *airconditioner* simili ghal dak mertu tal-kaz fejn gie kkonstatat li l-*plenium* (*cover)* tal-*airconditioner* mas-saqaf tal-*harbour tractor* huwa maghmul minn *vacuum formed plastic* li fuq in-naha tad-*driver* hemm il-*controls* u fuq in-naha tal-faccata hemm erba' (4) *outlets* minghajr *loovers.*

*"Wara l-istess cover hemm frame tal-hadid circa pulzier 'il fuq mill-plenium u fuqu circa zewg pulzieri hemm il-frame tal-airconditioner li fih zewg gaps ta' circa 2" x $6^{1}/_{2}$" u fuqu hemm fuq kull naha zewg centrifugal fans f'distanza ta' bejn 2" u 3" mill-gap b'mod li mill-istess toqob l-istess fans huma accessibbli jekk wiehed idahhal idejh"*

Illi fl-istess access id-difensuri tal-partijiet qablu li ghad differenza mit-*Tugmaster* ezaminat, it-*Tugmaster* attwali kellu *rotating seat* b'mod li tali *seat* seta' jigi direttament taht l-*air outlet*s. Inoltre Dr. George Abela ghall-attur irrileva li mir-ritratti esebiti dwar l-*airconditioner* mertu tal-kawza ghandu jirrizulta li l-kejl imsemmi f'dan l-access ma jikkombacjax ma' ta' dak in mertu b'mod li l-kejl huwa anqas.

Illi rrizulta wkoll waqt l-access li l-*loovers* dejjem jitqieghdu fit-*Tugmaster* imma jittiehdu jew jitnehhew ghal xi raguni minn persuni mhux identifikati. Infatti, Dr. Abela ghall konvenut rrileva li fil-kaz partikolari l-attur isostni li dawn il-*loovers* ma kienux hemm fid-data tal-incident. *Di piu'*, is-socjeta' konvenuta wriet lill-Qorti *unit* iehor pero' bil-*loovers* u wara l-istess *loovers* hemm *wire netting* li gie appozitament imwahhal mis-socjeta' konvenuta ricentement sabiex jigi evitat li jkun hemm access ghall-fannijiet.

Illi kwindi fl-opinjoni ta' din il-Qorti s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghall-incident mertu tal-vertenza

odjerna soffert mill-istess attur meta din naqset li tipprovdi ambjent ta' xoghol hieles minn kull periklu ghal sahhet l-attur. Huwa minnu li l-attur ma ndunax li ma kienx hemm *guard* f'zewg toqbiet ta' l-*airconditioner,* pero' dan certament ma jiskolpax lis-socjeta' konvenuta mir-responsabilta' li ghandha *vis-à-vis* il-haddiema taghha.

Illi d*i piu'* l-attur stess fix-xhieda tieghu qal li recentement il-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. ghamlu *wire netting* bejn it-toqba u l-fann biex zgur ma tidholx id, u liema *netting* gie mwahhal b'mod li ma jistax jitnehha facilment u certament li jipprovdi protezzjoni fissa ghall kull incident li jista' jinqala', b'mod li l-access ghall –istess skrun tal-fan tal-apparat tal-arja kkondizjonata gie b'hekk eliminat.

Illi wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-ispazju ghas-sewwieq fl-istess *Tugmaster* huwa verment ristrett b'mod li min ikun qed jahdem fuq dan ix-xoghol iqatta' hin konsiderevoli bil-qeghda fl-istess posizzjoni, u ghalhekk il-moviment tieghu huma ristretti bl-apparat tal-kontroll u bis-saqaf tal-istess ingenji; hua naturali li wiehed jhoss il-bzonn li jiccaqlaq jew anke jitmattar jew *jistreccja* sabiex ma jiggamjax fil-posizzjoni li jkun qieghed, u allura f'dan il-kuntest il-posizzjoni tal-istess apparat tal-arja kondizzjonata ezatt fuq l-istess sewwieq u bla protezzjoni mill-istess fannijiet tal-appart medissimu jistghu jkunu jew jigi rez perikoluz, ghaliex ghalkemm ma hijiex ghall kollox facli, lanqas minn naha l-ohra ma hija daqshekk difficli sabiex waqt li jkun qed issir dan l-ezercizzju l-id tidhol f'din it-toqba

jew *groove* u jintlaqat il-*fan* tal-istess apparat. Illi dan jirrendu ruhhu iktar facli meta l-*seat* ikun jiccaqlaq, kif kien fil-kaz in ezami u allura jista jkun hemm moviment iktar mis-sewwieq li jwassal l-poZizzjoni tieghu ghal taht ezatt l-istess *air conditioner unit,* b'mod li tali perikolu u possibilta' li jintlaqtu l-fannijiet tkun iktar facli jekk wiehed jgholli idu 'il fuq, aktar u aktar meta ma jkun hemm ebda forma ta' protezzjoni fissa mal-istess apparat, bhal meta jitnehhew jew jaqaw il-*guards* tal-*plastic* li jkun hemm normalment mal-istess apparat, li jidher li huma facilment rimovvibbli, bla ma jidher li jigu sostitwiti. Dan fil-fatt qed jigi rimedjat biss ricentement mis-socjeta' konvenuta li qed twahhal *wire netting* stabbli mal-istess apparat sabiex jinaghlaq kull access ghall-istess fannijiet u ghalhekk sar ostakolu fiss sabiex jigi eliminat il-perikolu li accidentalment jintlaqat il-fann tal-istess apparat. Dan pero' beda ssir biss wara l-istess incident mertu tal-kawza odjerna, u propju bl-iskop li jigu eliminati incident simili.

Illi nfatti jigi rilevat li *ai termini* tal-**Att** biex jippromwovi s-**Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol – Att Numru VII ta' l-1994** fl-**artikolu 2(2)** tal-istess jinghad li:

**Artikolu. 2(2) (a)** *"Illi huwa dmir ta' min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikoli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema".*

**Artikolu. 2(2) (b):-** *"Huwa dmir ukoll ta' min ihaddem li jizgura illi kull process ta' xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista' jigi evitat ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema mpjegati minnu u ta' haddiema mpjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nfisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur".*

Illi ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta skond kif gie ritenut fis-sentenza **"Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited"** (P.A. RCP 25 ta' Jannar 2000) *"ma pprovdietx dak li kellha tipprovdi a safe system of work, b'dan li ma osservatx id-dover taghha li tipprovdi post tax-xoghol li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha tal-istess utent taghhom" ("**Carmelo Cini vs Carmel Cacopardo noe**"* – N.A. 5 ta' Ottubru 1999); fil-fatt gie dikjarat fis-sentenza **"Borg vs Wells et noe"** (K. 9 ta' Settembru 1981) illi *"in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work"*, u dan tenut kont *"tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq ix-xoghol, ….."*

Illi tenut kont tal-principju stabbilit fis-sentenza "**Joseph Bugeja vs Anthony Falzon"** (P.A. 30 ta' April 1997), rieterata fis-sentenzi **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive**

**Charles Farrugia et noe"** (A.C.7 ta' Dicembru 1994) u **"Keith Caruana vs Joseph Paris et noe"** (P.A. 12 ta' Frar 1999) il-Qorti sostniet illi bl-applikazzjoni tal-artikoli appositi, huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu. Tal-istess portata hija s-sentenza ricenti "**Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited"** (P.A. AJM 26 ta' Frar 2001) fejn inghad li s-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli meta ma tiehux hsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem. (**"Eugenio Cassar vs Hallet Construction Co. Limited" –** P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001).

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, u applikati l-principji fuq esposti ghall kaz *de quo* jirrizulta li s-socjeta' konvenuta naqqset li tipprovdi ambjent minghajr perikolu ghall utenti tal-istess ingenji bhal it-*Tugmaster* li kien qed jigu uzat mill-attur u dan ghaliex l-apparat tal-arja kkondizzjonata hemm stalat fl-istess vettura ma kellhux il-protezzjoni mehtiega sabiex jigi eliminat li tigi kkawzata hsara lis-sewwieq tal-istess.

Illi dan qed jinghad ghaliex l-istess apparat ma kien munit b'*guard* addattat sabiex jinghalaq kull access li jista' jkollu l-istess sewwieq ghall fannijiet tal-istess apparat, tant li rrizulta li l-istess *guard tal-plastic* li kien hemm mal-istess *air conditioner* kien nieqes meta hadem bih l-attur, u ma giex bl-ebda mod rimpjazzat sal-mument meta sehh l-incident tal-attur. Jidher ukoll li din l-istess sistema fejn il-

*guard* facilment seta' jitnehha, kif fil-fatt tnehha mil-kaz in ezami, lanqas hija sistema adegwata propju ghaliex dan huwa facilment rimovvibbli, u dan huwa rikonnoxxut mis-socjeta' konvenuta llum, li qed tara li taghmel *fixed guard* wara l-istess *loovers* konsistenti *f'wire netting* stabilment imwahhal mal-istess apparat b'mod li kull access ghall-istess fannijiet qed tigi b'hekk eliminata, u wkoll li qed jigi b'hekk zgurat li tali protezzjoni ma tkunx facilment rimovvibbli.

Illi pero' jidher li dan sar tard wisq ghall kawza attrici u ghalhekk l-istess socejta' konvenuta qed tinzamm responsabbli ghall tali nuqqasijiet fl-apparat fornit minnha lill-attur sabiex ssir ix-xoghol mill-istess attur bl-ingenji *de quo,* liema nuqqasijiet kkawzaw l-incident soffert mil-attur mertu tal-kawza odjerna, kif fuq premess.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

**(B). LIKWIDAZZJONI TA' DANNI**

Illi *in linea* ta' danni, l-attur qed jitlob *dannum emergens* ta' Lm1,982.28. Illi skond Dok 'C' a fol. 6 tal-process Victor Spiteri, *foreman* tal-*Freeport Terminal*, ikkonferma li l-attur Carmelo Baldacchino kien mghajjat ghax-xoghol bejn id-19 ta' Lulju 1999 sal-1 ta' Awissu 1999 u rrizulta li kien ma jiflahx u ma setax jahdem. Huwa sostna li waqt dak il-perjodu il-haddiema l-ohra qalghu Lm1,289.87 kull wiehed. Inoltre f'Dok 'B' a fol. 5 tal-process esebit mill-attur innifsu

jirrizulta li meta mqabbel ma' dak li qala' wiehed mill-haddiema bhalu f'dak il-perjodu li hu ma setax jahdem kieku kien jaqla' Lm1,502.65. Illi pero' l-istess attur, anke kif irrizulta mix-xhieda tieghu, ircieva Lm810.24 f'idejh. Kwindi huwa ntitolat ghad-differenza bejn dawn iz-zewg ammonti li tigi Lm692.41.

Illi b'hekk jirrizulta tali ammonti allegati mil-attur gew sodisfacentament ppruvati u inoltre ma gex kkontestati mis-socjeta' konvenuta lanqas dwar il-kwantum u peress li l-istess ammonti gew hekk sostanzjati isegwi ghalhekk li l-attur huwa globalment intitolat ghall-ammont mitlub fic-citazzjoni attrici cjoe' elf disa' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,289.87 + Lm692.41 = Lm1,982.28).

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara illi l-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. hija responsabbli ghal incident li fih safa' korrut l-attur fit-13 ta' Lulju 1999;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur imhabba dan il-korriment fis-somma ta' elf disa' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,982.28);

3. Tikkundanna lill-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. ihallsu lill-attur is-somma ta' elf disa' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1.982.28).

Bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Mejju 2000 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarja tat-23 ta' Lulju 2000 u tal-31 ta' Lulju 2000 u tal-ittra ufficcjali tat-18 ta' Mejju 2000 kontra l-Freeport Terminal (Malta) p.l.c.

**Moqrija**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Frar, 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar, 2002**